TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 539/10

**Edward Tanti**

**vs**

**Tip Top Electronics**

Illum 13 ta' Marzu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' tmien mija u disgħin ewro (€890) rappreżentanti prezz ta' 42" Toshiba TV illi kellu diversi nuqqasijiet.

Is-soċjeta' intimata la ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara 42" Toshiba TV fil-5 t'Awwissu 2010, għal prezz ta' tmien mija u disgħin ewro (€890), illi kellu żewġ nuqqasijiet, wieħed illi skond il-ktieb kellu jkollu DVD in-built ġo fih u t-tieni li kellu s-sound baxx ħafna, illi minkejja li kien jgħolli l-volum kollu, xorta kien jibqa' bis-sound baxx.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal jinnota li s-soċjeta' intimata debitament notifikata kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejħa tliet darbiet, baqgħet ma dehrietx.

It-Tribunal jinnota wkoll illi sal-ħin tas-seduta, s-soċjeta' intimata kienet għada ma bagħtitx risposta bil-miktub.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa't-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' sitt mija u disgħin ewro (€690), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888